

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/91/KE**

tas-6 ta' Ottubru 2003

li twaqqaf il-miżuri ta'implimentazzjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rigward il-karatteristiċi li għandhom jiġu inklużi bħala minimu ottenut mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta'ċerti varjetajiet ta'speċi ta' ħaxix

(Test b'relevanza għaż- ŻEE)

(ĠU L 254, 8.10.2003, p. 11)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2006/127/KE tas-7 ta' Diċembru 2006	L 343	82	8.12.2006
► <u>M2</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2007/49/KE tas-26 ta' Lulju 2007	L 195	33	27.7.2007
► <u>M3</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/83/KE tat-13 ta' Awwissu 2008	L 219	55	14.8.2008
► <u>M4</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/97/KE tat-3 ta' Awwissu 2009	L 202	29	4.8.2009
► <u>M5</u>	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/46/UE tat-2 ta' Lulju 2010	L 169	7	3.7.2010
► <u>M6</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/68/UE tal-1 ta' Lulju 2011	L 175	17	2.7.2011
► <u>M7</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/44/UE tas-26 ta' Novembru 2012	L 327	37	27.11.2012
► <u>M8</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/57/UE tal-20 ta' Novembru 2013	L 312	38	21.11.2013
► <u>M9</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/105/UE tal-4 ta' Diċembru 2014	L 349	44	5.12.2014
► <u>M10</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1168 tal-15 ta' Lulju 2015	L 188	39	16.7.2015
► <u>M11</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1914 tal-31 ta' Ottubru 2016	L 296	7	1.11.2016
► <u>M12</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/100 tat-22 ta' Jannar 2018	L 17	34	23.1.2018
► <u>M13</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/114 tal-24 ta' Jannar 2019	L 23	35	25.1.2019
► <u>M14</u>	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1985 tat-28 ta' Novembru 2019	L 308	86	29.11.2019



ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/91/KE

tas-6 ta' Ottubru 2003

li twaqqaf il-miżuri ta'implimentazzjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rigward il-karatteristiċi li għandhom jiġu inklużi bħala minimu ottenut mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta'ċerti varjetajiet ta'speċi ta' ħaxix

(Test b'relevanza għaż- ŻEE)

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal din l-inklużjoni f'katalogu nazżjonali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) ta' Direttiva 2002/55/KE ta'varjetajiet ta'speċji ta'ħaxix li jaderixxu l-ħtiġijiet imniżżla fil-paragrafu 2.

2. Rigward preċiżjoni, stabbiltà u uniformità:

- (a) l-ispeċi mniżżla fl-Anness I għandhom iħarsu l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll għall-provi ta'preċiżjoni, stabbiltà u uniformità tal-Kunsill Amministrattiv ta'l-Uffiċċju tal-Pjanti Varji fil-Komunità (CPVO) imniżżla f'dak l-Anness;
- (b) l-ispeċi mniżżla fl-Anness II għandhom iħarsu l-linji gwida ta' prova għas-seħħ ta'provi ta' preċiżjoni, stabbiltà u uniformità ta'l-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Varjetajiet Ġodda ta'Pjanti (UPOV) mniżżla f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Il-karatteristiċi ta'varjetà fi ħdan it-tifsira mogħtija fl-Artikolu 1(2)(a), u kwalunkwe karatteristiċi markati b' asterisk (*) fil-linji gwida ta'prova msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) għandhom jiġu użati, sakemm l-osservazzjoni ta' karatteristika ma tkunx tħalliet minħabba fl-espressjoni ta' kwalunkwe karatteristiċi oħrajn, u sakemm l-espressjoni ta' karatteristika m'hix ostakolata mill-kondizzjonijiet ambjentali li fihom tkun qed isseħħ il-prova.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fil-każ ta'l-ispeċi mniżżla f'L-Annessi I u II, il-ħtiġijiet minimi biex iseħħu l-eżamijiet tad-disinn ta'prova u tal-kondizzjonijiet ta'tkabbir, kif stabbiliti fil-linji gwida ta'prova msemmija f'dawk l-Annessi jiġu mħarsa fil-ħin ta'l-eżamijiet.

Artikolu 4

Direttiva 72/168/KEE hija mħassra.



Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma meħtieġa biex tiġi mħarsa din id-Direttiva sal-31 ta' Marzu 2004 l-aktar tard. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bihom fil-pront.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn il-miżuri, għandhom jinkludu riferenza għal din id-Direttiva jew din ir-riferenza għandha tiġi mhemża fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-istati membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi domestika li jaddottaw fl-oqsma li jaqgħu taħt din id-Direttiva..

Artikolu 6

1. Meta, mad-dħul fis-seħħ ta'din id-Direttiva, ċerti varjetajiet ma ġewx aċċettati għall-inklużjoni fil-Katalogu Komuni tal-varjetajiet ta' l-ispeċi tal-ħaxix, u l-eżamijiet uffiċjali nbew qabel dik id-data skond id-dispożizzjonijiet ta' jew

- (a) Direttiva 72/168/KEE jew
- (b) il-linji gwida tal-CPVO mniżżla f'L-Anness I jew il-linji gwida tal-UPOV imniżżla f'L-Anness II, skond l-ispeċi,

il-varjetajiet konċernati jiġu meqjusa li jaderixxu l-ħtiġijiet ta'din id-Direttiva.

2. Paragrafu 1 japplika biss fejn il-provi jwasslu għall-konklużjoni li l-varjetajiet iħarsu r-regoli mniżżla jew f'

- (a) Direttiva 72/168/KEE jew fil-
- (b) linji gwida tal-CPVO kif mniżżla f'L-Anness I jew fil-linji gwida tal-UPOV kif imniżżla f'L-Anness II, skond l-ispeċi.

Artikolu 7

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba'ġurnata wara dik tal-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼ **M14**

ANNEX I

Lista ta' speċijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(2)(a) li għandhom jikkonformaw mal-protokollu tekniċi tas-CPVO ⁽¹⁾

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
<i>Allium cepa</i> L. ((II-grupp ta' Ceba))	Basal u Ekaljun	TP 46/2 tal-1.4.2009
<i>Allium cepa</i> L. (II-grupp tal-Aggregatum)	Shallot	TP 46/2 tal-1.4.2009
<i>Allium fistulosum</i> L.	Basal tal-għenieqed (Japanese bunching onion jew Welsh onion)	TP 161/1 tal-11.3.2010
<i>Allium porrum</i> L.	Kurrat	TP 85/2 tal-1.4.2009
<i>Allium sativum</i> L.	Tewm	TP 162/1 tal-25.3.2004
<i>Allium schoenoprasum</i> L.	Kurrat selvaġġ	TP 198/2 tal-11.3.2015
<i>Apium graveolens</i> L.	Karfus	TP 82/1 tat-13.3.2008
<i>Apium graveolens</i> L.	Celeriac (Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi)	TP 74/1 tat-13.3.2008
<i>Asparagus officinalis</i> L.	Spraġ	TP 130/2 tas-16.2.2011
<i>Beta vulgaris</i> L.	Pitravi inkluża l-pitrava ta' Cheltenham	TP 60/1 tal-1.4.2009
<i>Beta vulgaris</i> L.	Pitravi tal-ispinaċi jew Chard	TP 106/1 tal-11.3.2015
<i>Brassica oleracea</i> L.	Kaboċċa mberfla	TP 90/1 tas-16.2.2011
<i>Brassica oleracea</i> L.	Pastard	TP 45/2 Rev. 2 tal-21.3.2018
<i>Brassica oleracea</i> L.	Brokkli li qed inibbet jew Kalabriż	TP 151/2 rev. tal-15.3.2017
<i>Brassica oleracea</i> L.	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	TP 54/2 rev. tal-15.3.2017
<i>Brassica oleracea</i> L.	Ġidra	TP 65/1 rev. tal-15.3.2017
<i>Brassica oleracea</i> L.	Kaboċċa mfelfla (savoy), Kaboċċa bajda u Kaboċċa ħamra	TP 48/3 rev. tal-15.3.2017
<i>Brassica rapa</i> L.	Kaboċċa Ċiniża	TP 105/1 tat-13.3.2008
<i>Capsicum annum</i> L.	Bżar aħmar jaħraq jew Bżar	TP 76/2 rev. tal-15.3.2017
<i>Cichorium endivia</i> L.	Indivja tal-werqa mibruma u Indivja tal-werqa sempliċi	TP 118/3 tad-19.3.2014
<i>Cichorium intybus</i> L.	Ċikwejra industrijali	TP 172/2 tal-1.12.2005
<i>Cichorium intybus</i> L.	Ċikwejra tal-weraq	TP 154/1 rev. tad-19.3.2019
<i>Cichorium intybus</i> L.	Ċikwejra Witloof	TP 173/2 tal-21.3.2018
<i>Citrullus lanatus</i> (Thunb.) Matsum. et Nakai	Dulliegħ	TP 142/2 tad-19.3.2014
<i>Cucumis melo</i> L.	Bettieħ	TP 104/2 tal-21.3.2007
<i>Cucumis sativus</i> L.	Ħjara u Ħjara żgħira għall-immarinar (Gherkin)	TP 61/2 Rev. 2 tad-19.3.2019
<i>Cucurbita maxima</i> Duchesne	Qargħa tat-tip gourd	TP 155/1 tal-11.3.2015
<i>Cucurbita pepo</i> L.	Qarabagħli jew Zukkini	TP 119/1 rev. tad-19.3.2014
<i>Cynara cardunculus</i> L.	Qaqoċċ tond u Kardun	TP 184/2 tas-27.2.2013
<i>Daucus carota</i> L.	Karrotti u Karrotti għall-għalf	TP 49/3 tat-13.3.2008
<i>Foeniculum vulgare</i> Mill.	Bużbież	TP 183/1 tal-25.3.2004
<i>Lactuca sativa</i> L.	Ħass	TP 13/6 rev. tal-15.2.2019
<i>Solanum lycopersicum</i> L.	Tadam	TP 44/4 Rev. 3 tal-21.3.2018
<i>Petroselinum crispum</i> (Mill.) Nyman ex A. W. Hill	Tursin	TP 136/1 tal-21.3.2007
<i>Phaseolus coccineus</i> L.	Fażola ta' Spanja	TP 9/1 tal-21.3.2007
<i>Phaseolus vulgaris</i> L.	Fażola żgħira ta' Franza u Fażola tixxeblek ta' Franza	TP 12/4 tas-27.2.2013
<i>Pisum sativum</i> L. (partim)	Piżelli mkemmxa, Piżelli tonda u Piżelli ħelwa (sugar pea)	TP 7/2 Rev. 2 tal-15.3.2017
<i>Raphanus sativus</i> L.	Ravanell, Ravanell iswed	TP 64/2 rev. tal-11.3.2015

⁽¹⁾ It-test ta' dawn il-protokollu jinsab fuq is-sit web tas-CPVO (www.cpvo.europa.eu).

▼ **M14**

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
<i>Rheum rhabarbarum</i> L.	Rabarbru	TP 62/1 tad-19.4.2016
<i>Scorzonera hispanica</i> L.	Scorzonera jew Salsafja sewda	TP 116/1 tal-11.3.2015
<i>Solanum melongena</i> L.	Brunġiel	TP 117/1 tat-13.3.2008
<i>Spinacia oleracea</i> L.	Spinaċi	TP 55/5 Rev. 2 tal-15.3.2017
<i>Valerianella locusta</i> (L.) Laterr.	Insalata tal-qamħ jew Ħass tal-ħaruf	TP 75/2 tal-21.3.2007
<i>Vicia faba</i> L. (partim)	Ful	TP Ful Kbir/1 tal-25.3.2004
<i>Zea mays</i> L. (partim)	Qamħirrum Ħelu u Popkorn	TP 2/3 tal-11.3.2010
<i>Solanum habrochaites</i> S. Knapp & D.M. Spooner; <i>Solanum lycopersicum</i> L. x <i>Solanum habrochaites</i> S. Knapp & D.M. Spooner; <i>Solanum lycopersicum</i> L. x <i>Solanum peruvianum</i> (L.) Mill.; <i>Solanum lycopersicum</i> L. x <i>Solanum cheesmaniae</i> (L. Ridley) Fosberg; <i>Solanum pimpinellifolium</i> L. x <i>Solanum habrochaites</i> S. Knapp & D.M. Spooner	Selvaġġ tat-tadam	TP 294/1 Rev. 3 tal-21.3.2018
<i>Cucurbita maxima</i> Duchesne x <i>Cucurbita moschata</i> Duchesne	L-ibridi interspeċifiċi tal- <i>Cucurbita maxima</i> Duch. x <i>Cucurbita moschata</i> Duch. għal użu bħala selvaġġ (rootstock)	TP 311/1 tal-15.3.2017

▼ M14*ANNEX II*

Lista ta' speċijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(2)(b) li għandhom jikkonformaw mal-linji gwida tal-ittestjar tal-UPOV ⁽¹⁾

Isem xjentifiku	Isem komuni	Linja gwida tal-UPOV
<i>Brassica rapa</i> L.	Nevev	TG/37/10 tal-4.4.2001

⁽¹⁾ It-test ta' dawn il-linji gwida jinsab fuq is-sit web tal-UPOV (www.upov.int).